# Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-April 2024

NR 101/2024 Data tal-Ħruġ: 31 ta' Mejju 2024

*Fi tmiem April 2024, il-Fond Konsolidat tal-Gvern irreġistra surplus ta' €22.9 miljun.*




Bejn Jannar u April 2024, id-Dħul Rikorrenti ammonta għal €2,251.9 miljun, €361.1 miljun ogħla minn dak li kien irrappurtat sena qabel. L-akbar żidiet kienu rreġistrati fit-Taxxa tad-Dħul (€272.2 miljun), fit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (€68.5 miljun) u fis-Sigurtà Soċjali (€68.3 miljun). Min-naħa l-oħra, it-tnaqqisiet ewlenin kienu rrappurtati fl-Għotjiet (€69.8 miljun), fid-Dazju u s-Sisa (€14.3-il miljun) u f'Bejgħ Ieħor (€5.9 miljuni).

Sa tmiem April 2024, in-nefqa totali laħqet €2,229.0 miljun, li hija €145.7 miljun aktar mis-sena ta' qabel.

Fiż-żmien ta' riferenza, in-Nefqa Rikorrenti kienet ta' €1,979.1 miljun, li hija żieda ta' €135.1 miljun meta mqabbla mal-€1,844.0 miljun li kienet irrappurtata sena qabel. Iż-żieda ta' €96.9 miljun fil-Programmi u Inizjattivi kellha l-akbar sehem f'din iż-żieda. Barra minn dan, kienu rreġistrati żidiet fis-Salarji u Pagi (€31.4 miljun), fl-Ispiża tal-Operat (€5.8 miljuni) u fil-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern (€1.1 miljun). L-iżviluppi ewliena fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi kienu nefqiet akbar fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali (€52.2 miljun), l-Għajnuna għar-ristrutturar tal-linja nazzjonali tal-ajru (€13.8-il miljun) u l-iskema tal-indukrar tat-tfal mingħajr ħlas (€7.3 miljuni).

Il-parti tal-imgħax tal-ispejjeż tal-manutenzjoni tad-dejn pubbliku laħqet b'kollox €83.0 miljun, żieda ta' €17.0-il miljun meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

Bejn Jannar u April 2024, in-nefqa kapitali tal-Gvern ammontat għall-€166.9 miljun, li hija €6.5 miljuni anqas meta mqabbla mal-istess żmien fl-2023. Dan it-tnaqqis kien ġej minn nefqiet aktar baxxi fuq l-Inċentivi għall-Investiment (€11.2-il miljun), is-Sistemi tal-Immaniġġjar tal-Identità Nazzjonali (€5.9 miljuni) u l-Għajnuna diretta lill-bdiewa (€5.1 miljuni). Min-naħa l-oħra, kienu rrappurtati żidiet fl-għotja għax-xiri ta' vetturi elettriċi (€9.1 miljuni) u fil-kostruzzjoni u t-titjib tat-toroq (€9.0 miljuni).

Id-differenza bejn id-dħul u l-infiq totali wriet surplus ta' €22.9 miljun fil-Fond Konsolidat tal-Gvern fi tmiem April 2024, mentri sena qabel kien irreġistrat defiċit ta' €192.5 miljun. Din id-differenza tirrifletti żieda fid-Dħul Rikorrenti totali (€361.1 miljun), li kienet sa ċertu punt impattija b'żieda fin-nefqa sħiħa, li hija magħmula min-Nefqa Rikorrenti (€135.1 miljun), l-Imgħax (€17.0-il miljun) u n-Nefqa Kapitali (-€6.5 miljuni) (Tabella nru 1).

Fl-aħħar ta' April 2024, id-dejn tal-Gvern Ċentrali laħaq id-€9,927.2 miljun, żieda ta' €764.2 miljun meta mqabbel mal-2023. Iż-żieda rreġistrata fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta (€1,087.1 miljun) kienet il-kontribut ewlieni għaż-żieda fid-dejn. Aktar dejn kien irreġistrat ukoll fid-Dejn Barrani (€71.9 miljun) u fil-ħruġ tal-muniti tal-ewro f'isem it-Teżor (€3.8 miljuni). Fid-direzzjoni opposta, kien hemm tnaqqis fil-Kambjali tat-Teżor (€306.7 miljuni) u fl-Istokks ta' Tifdil 62+ tal-Gvern ta' Malta (€43.6 miljun). Fl-aħħar, investimenti akbar minn fondi tal-gvern fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta wasslu għal tnaqqis ta' €48.3 miljun fid-dejn (Tabella nru 6).

## Ċart nru 1. Is-surplus/id-defiċit fil-Fond Konsolidat: Jannar-April bis-sena

f'miljuni tal-ewro




## Ċart nru 2. Id-dħul rikorrenti maqsum bil-kategoriji ewlenin

Jannar-April 2024




## Ċart nru 3. In-nefqa maqsuma bil-kategoriji ewlenin

Jannar-April 2024

